*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,786, 2 ta' Awwissu, 2011*
*Taqsima B*

**A.L. 317 tal-2011**

## ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

## Ordni tal-2011 li Jemenda l-Ordni dwar in-Notifikazzjoni dwar Żvilupp

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 63 ta' l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2011 li Jemenda l-Ordni dwar in-Notifikazzjoni dwar Żvilupp, u għandu jinqara' u jiftiehem ħaġa waħda mal-Ordni ta' l-2007 dwar in-Notifikazzjoni dwar Żvilupp hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". Titolu. A.L. 115 tal-2007.

**2.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 2 tal-Ordni prinċipali, minnufih wara t-tifsira "studju dwar l-impatt ambjentali", għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja: Jemenda l-artikolu 2 tal-Ordni prinċipali.

> " "temporanju" tfisser kull struttura jew użu li jdum għal żmien limitat u li ma jinvolvix intervent mhux riversibbli, sakemm, il-proċedura ta' notifika kif stabbilita fl-artikolu 5(1) u 5(3) ikunu applikabbli, il-bidu fis-seħħ u d-data ta' skadenza jridu jiġu dikjarati bil-miktub fit-talba tal-applikant lill-Awtorità u konfermati bil-miktub mill-Awtorità stess u sakemm iż-żmien limitat ma jkunx jiġġedded awtomatikament kull sena u lanqas ma jiġi estiż għal dejjem;".

**3.** Minflok is-subartikolu (6)(iii) tal-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Jemenda l-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali.

> "(iii) jirrikjedi studju fuq l-impatt ambjentali, evalwazzjoni xierqa, dikjarazzjoni dwar l-impatt fuq it-traffiku jew kull evalwazzjoni oħra jew rapport meħtieġ mill-Att jew xi liġi oħra".

**4.** Il-Werrej għal Skeda I li tinsab mal-Ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda l-Werrej għal Skeda I li tinsab mal-Ordni prinċipali.

(a) il-punt 1(vii) fi Klassi 1 tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-punt 1(viii), u minnufih wara l-punt 1(vi) għandu jidħol dan il-punt ġdid li ġej:

"1(vii) Ħażniet Sekondarja ta' karburant (riżerva kapaċità baxxa)";

(b) minnufih wara l-punt (Klassi 1) 2(ix) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"2(x) Ħażniet sekondarji ta' karburant";

(ċ) minnufih wara l-punt (Klassi 4) 1(1)(iv) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"1(1)(v) Monumenti u installazzjonijiet artistiċi";

(d) minnufih wara l-punt (Klassi 8) 2(iv) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"2(v) Tindif ta' widien";

(e) fil-punt (Klassi 10) 1 tiegħu, minflok il-kliem "(i) L-użu riversibbli ta' xi art, kif ukoll l-istrutturi temporanji meħtieġa għal dan l-użu", għandu jidħol dan li ġej:

"1(i) Użu temporanju riversibbli tal-art
1(ii) Tqegħid ta' karavan jew kamp";

(f) fl-aħħar tal-Werrej ta' Skeda I, minnufih wara (Klassi 15) 3-4 tiegħu, għandha tiżdied din il-Klassi ġdida li ġejja:

"Klassi 16 Faċilitajiet ta' ġestjoni tal-bajja

1(i) Kiri ta' għamara tal-bajja

1(ii) Installazzjonijiet mobbli

2 Dispożizzjonijiet ġenerali".

Jemenda Klassi 1 ta' Skeda I li tinsab mal-Ordni prinċipali.

**5.** Il-Klassi 1 ta' Skeda I li tinsab mal-Ordni prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) is-subparagrafu 1(vii) fi Klassi 1 tiegħu għandu jiġi

enumerat mill-ġdid bħala subparagrafu 1(viii), u minnufih wara s-subparagrafu 1(vi) għandu jiżdied dan is-subparagrafu li ġej:

"1 (vii) L-installazzjoni ta' ħażniet sekondarji tal-petrol b'kapaċità totali ta' inqas minn 60 litru, jew l-installazzjoni ta' ħażniet sekondarji ta' pitrolju, diżil, *fuel oil* u *gas oil* b'kapaċità totali ta' inqas minn 300 litru:

Iżda li s-sit ikun jinsab fi ħdan l-istrutturi approvati ta':

(a) razzett tal-annimali operattiv u li jkollu liċenza;

(b) lukanda jew proġett ta' akkomodazzjoni turistika b' area tas-sit ikbar minn 500 $m^2$;

(ċ) żvilupp industrijali jew imħażen sitwati f' żona industrijali approvata; jew

(d) żvilupp industrijali jew imħażen ma jkunux jinsabu f'żona industrijali u b' area tas-sit ikbar minn 500 $m^2$.

Iżda wkoll li:

(a) fejn l-iżvilupp jinsab fi proprjetà skedata, f' postijiet magħżula, fl-AKU jew ODZ, l-installazzjoni ma għandhiex tkun tinsab fuq il-bejt ta' bini jew strutturi; u

(b) l-installazzjoni hija soġġetta għall-approvazzjoni mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi.".

(b) minnufih wara s-subparagrafu 2(ix) tal-artikolu 2 tiegħu, għandu jiżdied dan is-subparagrafu li ġej:

"2(x) L-installazzjoni ta' ħażniet sekondarji tal-petrol b'kapaċità totali ta' aktar minn 60 litru iżda inqas minn 300 litru, jew l-installazzjoni ta' ħażniet sekondarji ta' pitrolju, diżil, *fuel oil* u *gas oil* b'kapaċità totali ta' aktar minn 300 litru iżda inqas minn 3000 litru:

Iżda li s-sit jinsab fi ħdan l-istrutturi approvati ta':

(a) razzett tal-annimali operattiv li jkollu liċenza;

(b) lukanda jew proġett ta' akkomodazzjoni turistika b' area tas-sit ikbar minn 500 $m^2$;

(ċ) żvilupp industrijali jew imħażen sitwati f'żona industrijali approvata; jew

(d) żvilupp industrijali jew imħażen ma jkunux jinsabu f'żona industrijali approvata u b'area tas-sit ikbar minn 500 $m^2$.

Iżda wkoll li:

(a) fejn l-iżvilupp jinsab fi proprjetà skedata, f'postijiet magħżula, fl-AKU jew ODZ, l-installazzjoni ma għandhiex tkun tinsab fuq il-bejt ta' bini jew strutturi; u

(b) awtorizzazzjoni minn qabel bil-miktub mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi tkun preżentata, mill-applikant lill-Awtorità, bħala parti mill-proċedura ta' notifika."; u

(ċ) fl-artikolu 6 tiegħu, it-tifsira "bini" għandha titħassar fl-intier tagħha.

Jemenda Klassi 3 ta' Skeda I li tinsab mal-Ordni prinċipali.

**6.** Minnufih wara s-subparagrafu (iv) tal-artikolu2 tal-Klassi 3 ta' Skeda I li tinsab mal-Ordni prinċipali, għandu jiżdied dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(v) huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni minn qabel bil-miktub minn Trasport Malta".

Jemenda Klassi 4 ta' Skeda I li tinsab mal-Ordni prinċipali.

**7.** Il-Klassi 4 ta' Skeda I li tinsab mal-Ordni prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-subartikolu 1(1), minnufih qabel "f'AKU", għandu jiżdied "fl-ODZ, jew fuq il-kosta naturali, jew";

(b) fis-subartikolu 1 (1), minnufih wara s-subparagrafu (iv) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subparagrafu li ġej:

"(v) Il-bini, kostruzzjoni, jew installazzjoni ta' monumenti u ta' arti fl-ispazji pubbliċi miftuħin, eskluż iż-żarmar jew ir-rilokazzjoni, sakemm jekk ikunu fil-konfini ta' toroq prinċipali jew bankina ma jkunux affettwati, l-iżvilupp huwa soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel bil-miktub minn Trasport Malta, iżda wkoll għandha tapplika l-proċedura ta' notifika kif stabbilita fl-artikoli 5 (1) u 5 (3).".

**8.** Il-Klassi 8 ta' Skeda I li tinsab mal-Ordni prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

Jemenda Klassi 8 ta' Skeda I li tinsab mal-Ordni prinċipali.

(a) fl-artikolu 2 tiegħu, il-frażi "u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5(5) ta' dan l-Ordni ma jkunux japplikaw," għandha tiġi mħassra;

(b) fl-artikolu 2 tiegħu, minnufih wara s-subparagrafu (iv), għandu jiżdied dan is-subparagrafu li ġej:

"(v) It-tħammil tal-widien mill-materjal li jkun inġabar sakemm:

(a) l-iżvilupp ikun limitat biss ghat-tneħħija tal-materjal li jkun inġabar u l-ebda forma ta' żvilupp ieħor ma għandu jsir;

(b) in-notifika għandu jkollha magħha *method statement* jew kull tip ta' valutazzjoni oħra jew rapport kif mitlub mill-Awtorità, soġġett għall-approvazzjoni tal-istess Awtorità;

(ċ) l-Awtorità tista' żżid xi kondizzjonijiet mal-awtorizzazzjoni; u

(d) l-ebda intervent m'għandu jibda qabel il-ħruġ tal-konferma bil-miktub mill-Awtorità.".

**9.** Minflok il-Klassi 10 ta' Skeda I li tinsab mal-Ordni prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Jissostitwixxi Klassi 10 ta' Skeda I li tinsab mal-Ordni prinċipali.

## “KLASSI 10

### Użu temporanju tal-art

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 2 u 3 ta’ din il-Klassi, l-iżvilupp li ġej huwa permess taħt din il-Klassi fiż-żoni kollha mingħajr ebda notifika kif stabbilit fl-artikolu 5 (1), sakemm li fejn il-post ikun ODZ, il-proċedura ta’ notifika kif stabbilit fl-artikoli 5 (1) u 5 (3) għandhom japplikaw:

(i) L-użu riversibbli tal-art, kif ukoll kull struttura temporanja neċessarja għal dan l-użu, għal mhux inqas min tletin ġurnata, sakemm l-art tiġi restawrata għall-istat oriġinali tagħha u kull struttura għandha titneħħa qabel jiskadi l-perjodu ta’ dawn it-tletin jum;

(ii) L-użu riversibbli tal-art, minn entitajiet Governattivi, Kunsilli Lokali jew entitajiet pubbliċi appuntati minnhom, għat-tqegħid temporanju u użu ta’ karavan jew kamp kif ukoll kull strutturi temporanji meħtieġa għall-użu bħal dan matul il-perjodu bejn l-1 ta’ Ġunju u t-30 ta’ Settembru, sakemm l-art użata tkun kompletament restawrata għall-istat oriġinali tagħha u kull struttura titneħħa qabel l-iskadenza ta’ dak il-perjodu.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1 ta’ din il-Klassi, l-użu tal-art mhuwiex permess jekk dak l-użu jkun għal sit ta’ karavan jew għall-ikkampjar, minbarra kif stipulat fil-paragrafu (ii) tal-artikolu 1 ta’ din il-Klassi, jew għal tlielaq jew *rallies* ta’ vetturi *off-road*, karozzi u motoċikletti jew għall-prattika ta’ dawn l-avvenimenti u attivitajiet.

3. Minkejja dak kollu li jinsab fid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1 u 2 ta’ din il-Klassi, l-iżvilupp deskritt hemmhekk għandu jkun permess biss jekk:

(a) kull struttura temporanja meħtieġa għal użu bħal dan ma tkunx tfixkel il-viżibilita` f’ salib it-toroq jew lanqas ma jkun ta’ theddida għas-sigurtà tal-persuni mexjin jew għat-traffiku tal-vetturi;

(b) użu bħal dan ma jkunx jinvolvi ħsara diretta jew indiretta lil xi bini storiku jew monumenti, fdalijiet arkeoloġiċi jew naturali inklużi xelters taħt l-art, ċisterni

jew mini tal-ilma, ħitan tas-sejjieħ u pavimentar tal- ġebla naturali;

(ċ) ġbir ta' skart, faċilitajiet ta' rimi ta' skart, u kull faċilitajiet sanitarji mobbli neċessarji, kif meħtieġ bil-liġi u li ma jinvolvux xi interventi mhux riversibbli, ikunu disponibbli fuq is-sit qabel il-bidu tal-użu; u

(d) l-art ma għandhiex tkun okkupata sakemm l-Awtorità tikkonferma, bil-miktub, li l-iżvilupp huwa permess soġġett għal xi kondizzjonijiet li jista' jkun hemm bil-miktub fil-konferma tagħha.".

**10.** Minnufih wara l-Klassi 15 tal-Iskeda I li tinsab mal-Ordni prinċipali, għandha tidħol din il-Klassi ġdida li ġejja:

Iżid Klassi 16 ma' Skeda I li tinsab mal-Ordni prinçipali.

**"KLASSI 16**

**Faċilitajiet ta' Ġestjoni tal-bajja**

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2 ta' din il-Klassi, l-iżvilupp li ġej huwa permess skond din il-Klassi fiż-żoni kollha, soġġetti għall-proċedura ta' notifika kif stabbilit fl-artikolu 5 (1) u 5 (3):

(i) L-użu temporanju ta' art għall-kiri ta' għamara tal-bajja sakemm:

(a) l-art li għandha tkun okkupata bħala l-punt fiss għall-kiri tal-għamara tal-bajja ma għandux jaqbeż id-9m$^2$;

(b) l-ebda struttura, la permanenti u lanqas temporanja ma għandha tiġi mqiegħda jew immuntata fuq is-sit;

(ċ) l-art għandha titreġġa' lura interament ghall-istat oriġinali bejn inżul u tlugħ ix-xemx; u

(d) l-ebda art, li fuqha titqiegħed jew tiġi muntata l-għamara, ma tkun okkupata, desinjata, jew f'kull manjiera delineata għall-użu esklussiv ta' xi operatur.

(ii) L-użu temporanju tal-art għall-bini, tqegħid u installazzjoni ta' strutturi meħtieġa għall-faċilitajiet sanitarji

mobbli, u prattiċi ta' ġestjoni għas-salvataġġ tal-persuni, sakemm in-notifika tkun ippreżentata minn entità tal-Gvern, Kunsill Lokali, kull entità pubblika oħra maħtura, jew istituzzjoni reġistrata dedikata għall-protezzjoni ċivili.

(iii) Tibdil fl-apparenza esterna u materjal tal-gabbani eżistenti sakemm:

(a) il-gabbana tkun struttura legali eżistenti u jkollha l-permess jew awtorizzazzjoni relevanti;

(b) il-*footprint* approvata, tqassim u għoli approvati ma jkunux alterati; u

(ċ) il-kundizzjonijiet oriġinali tal-permess għandhom jibqgħu fis-seħħ.

2. Minkejja dak kollu li jinsab fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1 ta' din il-Klassi, l-iżvilupp deskritt hemmhekk għandu jkun permess biss jekk:

(a) is-sit jinsab fuq bajja magħżula kif determinat mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu;

(b) awtorizzazzjoni speċifika bil-miktub mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu tkun preżentata mill-applikant, lill-Awtorità, bħala parti mill-proċedura tan-notifika; u

(ċ) l-art ma għandhiex tiġi okkupata u l-ebda żvilupp ma għandu jibda sakemm l-Awtorità tikkonferma bil-miktub, li l-iżvilupp huwa permess u soġġett għal xi kondizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti fil-konferma bil-miktub.".